# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Dsatax (19) ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru 617/21 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatoru nru 736/2021
maħruġ nhar is-17 ta' Mejju 2020
fl-ismijiet

**Richard Ghirxi (ID 328784M)**

**Vs**

**Clayton Cremona (ID 472389M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' Clayton Cremona datat 24 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi fis-17 ta' Mejju 2021, is-sekwestrant Richard Ghirxi (ID 328784M) talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 736/2021 għas-somma ta' tlieta u għoxrin elf u sebgħa euro u tmenin ċenteżmu (€23,007.80) kontra l-esponenti, in kawtela għall-ħlas ta' xogħolijiet li allegatament hu għamel lill-esponenti;*

    2. *Illi is-sekwestrant kien intavola ukoll ittra uffiċjali al tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi ġġib in-numru 1071/2021,*

*liema ittra ġiet notifikata lil esponenti nhar it-18 ta' Mejju 2021. Ittra hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A';*

3. *Illi l-esponenti irrisponda għall-pretensjonijiet tas-sekwestrant permezz ta' Nota intavolata nhar l-24 ta' Mejju 2021 fl-atti tal-istess ittra fejn irrespinġa tali pretensjoni bħala waħda kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif jinsab muri fid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';*

4. *Illi minkejja li ġiet preżentata n-nota ta' kontestazzjoni mill-esponenti, is-sekwestrant naqas milli jippreżenta r-rikors ġuramentat tiegħu fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata tal-imsemmija nota u sal-lum għadha ma nbdiet ebda kawża mis-sekwestrant. Illi dan kollu bi ksur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 833A;*

5. *Illi għalhekk l-esponenti għandu raġuni ġusta u valida sabiex jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 736/2021;*

6. *Illi in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti qed jitlob illi jiġu applikati s-sanzjonijiet imsemmija f'dan l-istess artikolu kontra s-sekwestrant;*

*GĦALDAQSTANT in vista tal-premess, l-esponenti jitlob reverentament illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ntavolat nhar is-17 ta' Mejju 2021, bin-numru 736/2021, u dan stante li huwa leżiv għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 833A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Tordna u tikkundanna lis-sekwestrant Richard Ghirxi (ID 328784M) sabiex iħallas penali ta' bejn €1,164.69 u €6,988.12 u dan ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, apparti dawk id-danni kif kontemplati fis-subartikolu (9) tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 li qed jiġu espressament riservati.*

*Dan salv kull ordni u provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkunu l-aktar xierqa u opportun li timpani.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestrant.*

2. Rat illi kopja legali tal-atti tal-Ittra Uffiċjali Nru 1071/2021 fl-ismijiet 'Richard Ghirxi vs Clayton Cremona' eżebita mir-rikorrent u datata 18 ta' Marzu 2020.

3. Rat illi fit-23 ta' Awissu 2021, Richard Ghirxi laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi primarjament jingħad illi huwa ġie nnotifikat b'dana r-rikors fis-16 ta' Awwissu 2021 u għalhekk huwa ma setax jottempra ruħu mad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 28 ta' Ġunju 2021 li jdaħħal risposta sat-28 ta' Lulju 2021.*

2. *Illi fit-tieni lok, mhuwiex minnu illi huwa ma ntavolax kawża fuq il-mertu ta' l-ittra uffiċjali 166A bin-numru 1071/21. Illi di fatti huwa ntavola kawża fl-ismijiet Richard Ghirxi vs Clayton Cremona (662/2021) li qiegħda quddiem dina l-istess Qorti, iżda diversament preseduta u ċioe' preseduta mill-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri u li ġiet intavolata fis-7 ta' Lulju 2021 (Dok A).*

3. *Illi fit-tielet lok, ir-rikorrent Clayton Cremona qatt ma nnotifika lil kontro-parti bin-nota tiegħu li huwa qiegħed jikkontesta l-ittra uffiċjali 166A u li għalhekk wara tletin ġurnata, fit-18 ta' Ġunju 2021 huwa ċċekkja sabiex jara jekk iddaħħlitx nota u fil-pront huwa ntavola kawża fis-7 ta' Lulju 2021.*

4. *Illi l-Artikolu 833A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li r-rikorrenti qiegħed jibbaża fuqu t-talba jgħid hekk: "Meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skont l-Artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-Artikolu 830(l)(a), (b) u (d):*

   *Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tiġi l-ewwel:*

   *Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat."*

   *Illi r-rikorrenti ppreżenta nota ta' kontestazzjoni, iżda dina n-nota ta' kontestazzjoni qatt ma ġiet notifikata lill-eċċipjenti. Illi għalhekk jekk casomai kien hemm vera xi ommissjoni, dina ġiet ikkawżata purament minn Clayton Cremona stess, għax minkejja li huwa jaf li kellu mandat fil-konfront tiegħu, huwa naqas milli jinforma lill-eċċipjenti illi huwa qiegħed jikkontesta l-ittra uffiċjali 166A. Illi l-artiklu vera jgħid li l-eċċipjenti għandu jintavola kawża fi żmien għoxrin ġurnata minn nota ta' kontestazzjoni, iżda jekk dina qatt ma ġiet innotifikata lill-eċċipjenti, kif jista' l-eċċipjenti jkun jaf meta dina ġiet ippreżentata! Illi l-istess artiklu jgħid li f'każ li ma jkun hemm l-ebda nota ta' kontestazzjoni, u l-ittra uffiċjali ma tkunx saret eżekuttiva, t-terminu li trid tiġi ppreżentata*

*l-kawża hija ta' sittin jum. Illi għalhekk in ogni caso minkejja li l-għoxrin jum ġew maqbuża u dana għaliex ma kien hemm l-ebda notifika, is-sittin jum żgur ma nqabżux. Illi wieħed irid jara l-ispirtu tal-liġi u l-intenzjoni tal-leġiżlatur wara dana l-artiklu. L-intenzjoni tal-leġiżlatur hija f'każ li kawża ma ġietx intavolata u mhux f'każ li kawża ġiet intavolata. Illi fil-każ odjern il-kawża mertu ta' l-ittra uffiċjali 166A ġiet intavolata.*

5. *Illi in oltre jkun ta' preġudizzju finanzjarju għall-eċċipjenti Richard Ghirxi jekk jiġi rrevokat il-mandat għal sempliċi raġuni li nqabżu l-għoxrin jum minkejja li kawża xorta ġiet intavolata, u dana għaliex jekk jiġi milqugħ il-mandat, kif del resto, m'hemm xejn fil-liġi li jżommu, huwa ser jerġa' jintavola l-istess mandat kawtelatorju sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu. Illi għahekk l-istess Clayton Cremona xorta ser jibqa' bl-assi tiegħu maqbuda. Illi di fatti fl-istess rikors ġuramentat li ġie intavolat mill-eċċipjenti li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok A, jagħmel referenza kemm għall-ittra uffiċjali 166A u speċifikament għal mandat kawtelatorju 736/2021. Illi l-istorja kienet tkun differenti kieku l-eċċipjenti Richard Ghirxi ma ntavolax kawża sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu.*

6. *Illi fl-aħħar nett ir-rikorrenti ma speċifikax taħt liema sub-inċiż ta' l-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għal penali u in ogni caso kif diġa' ġie spjegat hawn fuq l-eċċipjenti intavola l-kawża rikjesta. In oltre l-eċċipjenti m'għandux jiġi kkundanat penali taħt l-Artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq miġjuba t-talbiet tar-rikorrenti kif imsejsa fil-rikors revoka għandhom jiġu miċħuda in toto.*

4. Rat illi fit-28 ta' Ġunju 2021 il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għad-29 ta' Settembru 2021 u, fid-29 ta' Settembru 2021, il-partijiet straħu fuq id-dokumentazzjoni ppreżentata u saret it-trattazzjoni mill-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

**Fatti**

5. Jirriżulta illi fit-18 ta' Marzu 2020, Richard Ghirxi intavola Ittra Uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 kontra Clayton Cremona, għall-ħlas ta' tlieta u għoxrin elf u sebgħa euro u tmenin ċenteżmu (€23,007.80) rappreżentanti xogħol magħmul u mhux imħallas.

6. Jirriżulta illi fis-17 ta' Mejju 2021, Richard Ghirxi intavola l-Mandat ta' Sekwestru odjern Nru 736/2021 illi ġie notifikat lill-banek fit-18 ta' Mejju 2021 iżda qatt ma ġie notifikat lil Clayton Cremona.

7. Jirriżulta illi, nelfrattemp, wara żewġ tentattivi negattivi ta' notifika, fit-18 ta' Mejju 2021 Clayton Cremona ġie notifikat bl-atti tal-Ittra Uffiċjali 1071/2021.

8. Jirriżulta illi fl-24 ta' Mejju 2021, Clayton Cremona ippreżenta nota, fl-atti tal-Ittra Uffiċjali, fejn ikkontesta l-ammont mitlub u saħaq illi ebda ammont ma kien dovut – dina n-Nota qatt ma ġiet notifikata lil Richard Ghirxi.

9. Jirriżulta illi fis-7 ta' Lulju 2021, Richard Ghirxi intavola proċeduri permezz ta' Rikors Ġuramentat, kontra Clayton Cremona, Rikors Ġuramentat Nru 662/2021 CFS, għall-ħlas ta' €23,007.80 rappreżentanti xogħolijiet illi saru lil Cremona u li ma kienux tħallsu.

**Ikkunsidrat**

10. Jirriżulta, mit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrent, illi r-rikorrent odjern, Clayton Cremona, qiegħed jitlob illi jiġi revokat il-Mandat ta' Sekwestru abbażi tal-Artikolu 833A tal-Kap 12, kif ukoll illi Richard Ghirxi jiġi kkundannat iħallas penali abbażi tal-Artikolu 836 (9) tal-Kap 12, għax ma ġietx intavolata kawża fiż-żmien stabbilit mill-Liġi.

11. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, mit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur ta' l-intimat, illi Richard Ghirxi jikkontendi li kawża attwalment saret u li huwa ma kienx a korrent tal-fatt illi Cremona kien intavola Nota fejn ikkontesta dak mitlub fl-Ittra Uffiċjali.

12. Jirriżulta illi, a tenur tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, Ittra Uffiċjali intavolata a tenur ta' tali Artikolu tista' tiġi kkontestata:

> *... fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali,*

13. Jidher, għalhekk, illi l-Liġi ma tikkontempla ebda ħtieġa ta' notifika ta' tali att lil min ħareġ l-Ittra Uffiċjali, stante illi l-Leġislatur ikkontempla li d-debitur seta' jintavola tali nota personalment, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda Avukat u / jew Prokuratur Legali.

14. Jidher, mill-banda l-oħra illi, a tenur ta' l-ewwel proviso tal-Artikolu 833A, f'każ illi min jintavola l-Ittra Uffiċjali jippreżenta wkoll att kawtelatorju kontestwalment mal-Ittra, min qiegħed jitlob il-ħruġ ta' tali att kawtelatorji huwa obbligat illi:

> *jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa*

> *jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tiġi l-ewwel.*

15. Jidher, għalhekk, illi minkejja li l-leġislatur ma' kkontempla ebda ħtieġa ta' notifika għar-risposta tad-debitur, kif stabbilit fl-Artikolu 166A (3), huma madanakollu iffissa terminu ta' għoxrin ġurnata mill-preżentata ta' tali risposta, li ma tiġix lilu notifikata, sabiex jipproċedi bil-pretensjonijiet tiegħu permezz ta' kawża.

16. Jidher, għalhekk, illi abbażi ta' dak fuq stabbilit, ir-rikorrent huwa ġustifikat fit-talba tiegħu għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru.

17. Jirriżulta, madanakollu, illi permezz ta' Rikors Ġuramentat Nru 662/2021, Richard Ghirxi pproċeda bil-kawża tiegħu kontra Clayton Cremona, liema pretensjoni huwa ppreżenta fis-7 ta' Lulju 2021.

18. Jirriżulta illi l-proċeduri fuq imsemmija huma pendenti u fil-5 ta' Ottubru 2021, saret seduta fejn jirriżulta illi Clayton Cremona kien għadu mhux notifikat bl-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

19. Il-Qorti, hawnhekk, ma tistax ma tirrilevax illi l-utilita' tal-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huwa biex "*tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji hawn taħt imsemmija*" – Artikolu 829 tal-Kap 12.

20. Tosserva wkoll illi, Richard Ghirxi, wara li pproċeda bl-Ittra Uffiċjali 166A kontra Clayton Cremona mingħajr suċċess, nieda proċeduri kontra l-istess Clayton Cremona, liema proċeduri iżda jidher li l-istess Clayton Cremona għadu ma nstabx biex jiġi notifikat bihom, kif ġia ma nstabx biex jiġi notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru.

21. Tirrileva illi fir-rikors promotur tiegħu, r-rikorrent naqas milli jindika r-raġunijiet abbażi ta' liema dina l-Qorti għandha tqis li jinħareġ il-Kontro Mandat filwaqt illi saret referenza biss għall-Artikolu 836 tal-Kap 12 fejn dana jirrigwarda ħlas ta' penali.

22. Il-Qorti tosserva li, kif ġia stqarret dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-kawża 'Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia pro et noe' (660/12 JRM 2 ta' Awissu 2021), "*Il-penali maħsuba fl-imsemmi Artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż"*

23. Din il-Qorti tqis illi tali raġunament għandu jitqies ukoll fil-kuntest ta' dak illi qiegħed jitlob Clayton Cremona permezz tal-proċeduri odjerni. Dana qiegħed jingħad, peress illi jidher ċar li l-istess Cremona, ben a korrent tal-proċeduri ċivili pendenti kontra tiegħu, qiegħed jinsisti, permezz tal-proċeduri odjerni, sabiex

iħassar il-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontra tiegħu, u dana fuq teknalita' riżultat ta' nuqqas tal-Leġislatur, filwaqt illi qiegħed jaħrab milli jiġi notifikat bl-atti mibdija minn Richard Ghirxi kontra tiegħu.

24. Kieku dina l-Qorti verament tilqa' t-talba ta' Clayton Cremona kif hawn redatta, tkun qiegħda tippremja l-aġir ta' Clayton Cremona li ma jinstabx għan-notifika filwaqt illi tikkastiga lil Richard Ghirxi illi, kif ġia indikat fir-risposta tiegħu, minnufih wara d-deċiżjoni ta' dina l-Qorti, ser jipproċedi bl-intavolar ta' Mandat ta' Sekwestru ieħor fil-konfront ta' Clayton Cremona.

25. Is-serjeta fil-proċeduri fil-Qorti, li tisħaq dwarhom il-Qorti fis-sentenza fuq ċitata, tirrikjedi illi ma jkunx hemm abbuż mis-sistema ġudizzjarja, liema abbuż jidher ċar illi, bil-proċeduri odjerni ta' llum w l-insistenza li jitkomplew, qiegħda ssir mhux minn Richard Ghirxi, li intavola l-azzjoni odjerna entro is-sittin ġurnata mill-preżentata tal-Mandat ta' Sekwestru kif tistipula l-Art 833A, iżda minn Clayton Cremona, illi ppreżenta r-risposta tiegħu bil-mohbi ta' Richard Ghirxi, mingħajr ma għarrfu biha, u sussegwentement qiegħed issa jittenta xortih li jħassar Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontrieh intiż sabiex jipproteġi pretensjonijet ta' Richard Ghirxi illi huwa eventwalment mexxa kontra Clayton Cremona permezz ta' kawża, li tiegħu Cremona għadu ma jistax jiġi notifikat.

26. Dina l-Qorti ma tista' qatt tippremja tali aġir u għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti ma humiex ser jiġu kkunsidrati favorevolment.

**DECIDE:**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali u wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti.

**Spejjeż** a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**